TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 164

KAZ NRU 228

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Henry Buttigieg
u
Foster Clark Products Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 6 ta' April, 1984

Chairman: Anthony J Bartolo M.I.E.E.E., T.Eng(CEI), F.I.ELEC.I.E. M.B.I.M., M.I.I.M., M.I.M.

1. INTRODUZZJONI

(1) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar it-23 ta' Novembru, 1982 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

(2) It-Tribunal iltaqgha erba darbiet. Ghall-appellant, Henry Buttigieg, deher is-Sur F Coleiro, Segretarju tat-Taqsima Lukandi, Restoranti u Ikel tal-General Workers' Union, u ghal-kumpanija Foster Clark Products Limited deher is-Sur Alfred Mallia Milanes, Kunsulent Industrijali.

2. STATEMENTS OF CASE

(1) Ghall-appellant gie sottomess li t-tkeccija mill-impieg ta' Henry Buttigieg (Electrician) minn mal-kumpanija Foster Clark Products Ltd. fil-11 t'Awissu, 1982 ma kienitx ghall-kawza gusta u sufficjenti u ghalhekk ghandu jitqies li baqa fl-impieg minghajr telf ta' paga.

.../2

Is-sottomissjoni tkompli tghid li l-kumpanija waqfet lill-appellant mil-impieg ta' madwar sena, li fiha qatt ma kellu twissijiet bil-miktub, permezz ta' ittra tal-11 t'Awissu, 1982 (Dok 'A') ghal raguni unika li l-appellant kien qed jaghmel xoghol fl-ekettriku u meta kien sar il-hin biex jerfa mix-xoghol, halla x-xoghol mhux komplut u li bin-negligenza tieghu seta' pogga l-hajja u s-sigurta ta' persuni ohra fil-perikolu. Barra minn hekk, l-appellant ma attendix ghax-xoghol ghal xi granet wara li halla x-xoghol mhux komplut minghajr ma nforma lil hadd b'dak li halla. Dan gara ghaliex l-appellant kien marid u ghalkemm ipprova jcempel lil Management, qatt ma rnexxielu jaqbghad, peress li mhux l-ewwel darba li kien ikun hemm diffikultajiet fis-sistema tat-telefon kif jaf il-Management stess.

L-appellant issottometta li r-raguni migjuba mill-Management, ghat-tkeccija tieghu, jigifieri dik li seta pogga l-hajja ta' persuni ohra fil-periklu, mihiex gusta ghaliex fl-opinjoni tal-appellant mhux veru li kien hemm periklu kif sejjer jigi ipruvat aktar il-quddiem f'dan it-Tribunal u anki ghaliex jekk kellu jitkompla x-xoghol minn haddiehor, dan ried ikun bniedem tas-sengha u ghalhekk kien ikun jaf x'ghandu jaghmel.

Fl-ahharnett, l-appellant issottometta li jekk il-Management ha parir dwar il-periklu li qieghed jigi allegat, dan il-parir ma setghax hadu minn bniedem ikkwalifikat u ghalhekk il-Management ma kienx korret fid-decizzjoni li ha f'dak li ghandu x'jaqsam mal-periklu, specjalment meta minhabba din ir-raguni il-Management ittermina l-impieg tal-appellant.

Ghal daqstant, it-Taqsima Lukandi, Restoranti u Ikel tal-General Workers Union tissottometti li t-Tribunal isib favur l-appellant billi jiddikjara t-tkeccija ngusta u jqies lil-appellant li baqa fl-impieg minghajr telf ta' paga u dak kollu li dovut lejh.

(2) Ghall-Kumpanija gie sottomess li l-appellant, Henry Buttigieg, gie mpjegat mal-kumpanija fit-12 t'Awissu, 1981 bhala electrician kwalifikat bil-licenzji tal-Enemalta Corporation maghrufin bhala Licences 'A' u 'B'.

.../3

Illi l-Gimgha, 6 t'Awissu, 1982, Henry Buttigieg kien qieghed iwahhal 'starters' u 'isolators' ghall-'extract fans' u biex ghamel dan ix-xoghol, Henry Buttigieg nehha s-'switches' ta' l-elettriku fuq in-naha tal-produzjoni tal-fabbrika u nehha wkoll il-'conduit' ta' l-istess 'switches' illi kif instab aktar tard min electrician iehor tal-kumpanija, Lawrence Grech, meta gie mqabbad biex ikompli x-xoghol peress li Henry Buttigieg ma dahalx ghax-xoghol nhar it-Tnejn, 9 t'Awissu, 1982, dawn is-'switches' u partijiet ohra tad-dawl (lighting) ma kellhomx x'jaqsmu xejn max-xoghol li kien qieghed jaghmel Henry Buttigieg ghax dan kien fuq il-'power circuit'.

Barra minnhekk, fis-satejn ta' wara nofs in-nhar tas-6 t'Awissu, 1982, Henry Buttigieg halla l-post tax-xoghol minghajr ma ndenja ruhu jinforma l-hadd u halla n-naha tal-produzjoni tal-fabbrika minghajr dawl meta kien jaf tajjeb li haddiema ohra kienu qeghdin jahdmu bix-'shift' u aktar tard kien se jkollhom bzonn id-dawl. Henry Buttigieg halla wkoll il-'wire' mitluq u mikxuf fit-'trunking' tal-metal espost ghal periklu ta' kulhadd.

Meta beda jidlam, is-Supervisor tal-produzjoni, Maurice Spiteri, sab li kellu l-'area' tal-produzjoni bla dawl u wara li ma sabx lic-Chief Engineer, John Axiaq, id-dar, huwa rrikorra ghal technician iehor, Emanuel Dimech, li meta gie l-fabbrika sab li kien hemm il-'main switch' tad-dawl (tubi) mitfi u allura xeghlu.

Il-kumpanija ssottomettiet ukoll li l-appellant, Henry Buttigieg, li ma dahalx ghax-xoghol it-Tnejn filghodu, ma ndenjax ruhu li jinforma lil xi hadd li seta kien hemm xi periklu ghal terzi persuni billi kien halla l-'wire' mitluq u mikxuf fit-'trunking' tal-metal, sitwazzjoni li setghet tkun fatali ghal kull min kien fil-fabbrika mil-Gimgha filghaxija sa dak il-hin li Lawrence Grech irrimedja. U dan barra li setgha jkun hemm hruq minhabba xi 'short' u fil-kaz tan-natura tax-xoghol tal-kumpanija spluzzjoni.

Il-kumpanija tissottometti li Henry Buttigieg ma kkontestax li l-agir tieghu kien 'gross negligence' u ghalhekk il-kumpanija li hija responsabbli ghall-impjegati kolla taghha wara li studjat bir-reqqa kollha l-konsegwenzi li setghu gew fuq il-haddiema u l-familji taghhom, fuq il-produzjoni, ecc., ma setghetx tafda aktar lil Henry Buttigieg li minhabba dan l-incident tilef il-fiducja kollha taghha.

Ghal daqstant, il-kumpanija titlob bir-rispett li t-Tribunal jiddikjara li t-tkeccija ta' Henry Buttigieg kienet ghar-raguni gusta u skond il-ligi.

3. DOKUMENTI

Gew esebiti disa (9) dokumenti miz-zewg partijiet. Lista taghhom tidher fil-minuti tat-tielet seduta tat-Tribunal li nzammet nhar il-Hamis, 1 ta' Marzu, 1984.

4. IX-XHIEDA

It-Tribunal sema x-xhieda li jidhru hawn taht fl-ordni li dehru:-

Is-Sur Charles Demicoli mressaq mill-appellant;

Is-Sur John Axiaq mressaq mill-appellant u l-kumpanija;

Is-Sur Jack Mifsud mressaq mill-appellant;

Is-Sur Emanuel Dimech mressaq mill-appellant;

Is-Sur Maurice Spiteri mressaq mill-kumpanija;

Is-Sur Lawrence Grech mressaq mill-kumpanija;

Is-Sur Henry Buttigieg, l-appellant innifsu.

Fil-parti l-kbira, ix-xhieda gew mistoqsija u rrispondew fuq l-aspetti teknici tal-kaz li ghandhom x'jaqsmu ma l-allegazzjoni ta' perikolu ta' l-eletriku u spluzjoni.

Parti ohra tax-xhieda kienet fuq il-waqfien tal-produzjoni il-Gimgha, 6 t'Awissu, 1982 filghaxija ghaliex ma kienx hemm dawl.

.../5

Kien hemm ukoll parti mix-xhieda fuq l-aspett amministrattiv li jirrigwarda ir-risponsabilta ta' l-appellant, ta' min qabdu jaghmel ix-xoghol u finalment tac-Chief Engineer inkarigat mid-dipartiment tal-manutenzjoni u xogholijiet fil-fabbrika.

5. ACCESS

It-Tribunal ghamel access fil-fabbrika tal-kumpanija fl-Industrial Estate, San Gwann nhar l-Erbgha, 29 ta' Frar, 1984.

It-Tribunal seta jara f'hiex kien jikkonsisti x-xoghol u l-metodu li kien se jintuza u dak li fil-fatt intuza.

It-Tribunal ra l-kwalita ta' stallazjoni ta' l-eletriku li hemm fil-fabbrika biex ikun jista jaghmel valutazjoni ta' l-allegazzjoni fuq periklu u spluzjoni.

It-Tribunal ha dettalji tad-dawl tal-eletriku (lighting) li hemm fl-'area' tal-produzjoni fil-fabbrika biex ikun jista jizen l-effett li seta jkollha fuq il-produzzjoni fillira ta' tubi tad-dawl (lighting) mitfija.

6. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

(1) Is-Sur F Coleiro f'isem l-appellant, Henry Buttigieg, issottometta li l-kumpanija tterminat l-impieg ta' Henry Buttigieg ghal ragunijiet li:

(a) halla l-post tal-produzjoni minghajr dawl tat-tubi;

(b) li ma nforma lil hadd b'dak li halla fix-xoghol li kien qieghed jaghmel u telaq;

(c) li mit-Tnejn, 9 t'Awissu, 1982 sa l-Erbgha, 11 t'Awissu, 1982 ma marx ghax-xoghol.

Barra minnhekk, il-kumpanija allegat li kien hemm periklu kbir ta' 'shock' bl-eletriku u spluzjoni f'kaz ta' xi 'short' ghaliex, kif qal il-Management, l-appellant halla 'live wire' mikxuf fil-'cable trunking' tal-metal.

Gie sottomess li l-appellant gie accettat mill-kumpanija fix-xoghol tieghu bhala bniedem ikkwalifikat fis-sengha tieghu u wara li ghadda z-zmien ta' prova ta' sitt xhur, l-impieg tieghu gie kkonfermat. Matul l-impieg tieghu ta' sena, qatt ma kellu xi twissija la bil-miktub u lanqas bil-fomm fuq xi nuqqas kif ikkonferma l-Personnel Manager tal-kumpanija, is-Sur C Demicoli.

Rigward l-akkuza li l-kumpanija ghamlet li l-appellant naqas li jattendi ghax-xoghol ghal tliet tijiem, gie ppruvat waqt ix-xhieda kemm kienet difficli li wiehed jaqbad mal-fabbrika bit-telefon, kif ukoll li wiehed icempel mill-fabbrika lejn barra. Fil-fatt, dak iz-zmien kien hemm linja tat-telefon wahda, meta kienet tkun tajba.

B'dana kollu, l-appellant ipproduca certifikat tat-tabib privat tieghu meta rritorna ghax-xoghol u wara li ra li t-tabib tal-kumpanija ma marx jarah peress li ma kienx sar kuntatt mal-fabbrika. Izda l-Personnel Manager tal-kumpanija, is-Sur C Demicoli, irrifjuta dan ic-certifikat fil-prezenza tax-'Shop Steward' ghar-raguni li l-impieg ta' l-appellant kien gie imwaqqaf minn dik il-gurnata stess, jigifieri mill-11 t'Awissu, 1982.

L-akkuza li l-appellant halla l-post tal-produzjoni bla dawl hija nnfondata ghax fil-fatt meta Manwel Dimech xeghel il-"main switch", id-dawl xeghel. Hija haga ta' l-iskantament kif Supervisor li jkollu r-risponsabbilta tal-fabbrika kollha waqt ix-'shift' ma jkunx jaf fejn hu l-'main switch' tad-dawl. Barra minhekk, ma setghax kien hemm dlam cappa bejn is-sebgha u tmienja ta' filghaxija fis-6 t'Awissu, 1982 meta l-arlogg ikun bis-siegha l-quddiem barra li f'dan iz-zmien tas-sena f'dan il-hin ikun ghadu d-dawl. Mil-kalkolu tekniku li ghamel it-Tribunal waqt l-access, nstab li b'linja wahda tat-tubi mitfija, id-dawl f'dik l-'area' jonqos bi tmienja u ghaxrin fil-mija (28%) minn normal u ghalhekk l-allegazjoni tal-kumpanija li ma setghetx issir produzzjoni hija nnfondata.

Gie ppruvat li l-appellant qatt ma kien hadem go din il-fabbrika ghax ix-xoghol tieghu kien go fabbrika ohra ta' l-istess kumpanija u li hadd ma qal lil-appellant li kien se jkun hemm

ix-'shift' f'dik il-fabbrika fil-ghaxija. L-appellant gie mqabbad jaghmel dan ix-xoghol f'din il-fabbrika fil-10.45 a.m. u kien jispicca mid-'duty' tieghu fis-2.00 p.m.

Gie sottomess ukoll li l-appellant ma kienx intiz fis-sistema tad-dawl ta' din il-fabbrika u ghalhekk kienet ir-risponsabbilta tac-Chief Engineer li jara x'kien qed isir fix-xoghol tal-'maintenance' u fejn kien se jhalli x-xoghol l-appellant meta l-appellant mar jghidlu li sarlu l-hin biex jitlaq lejn id-dar. Ic-Chief Engineer zgur li jaf li biex isir dak ix-xoghol kellu jintefa il-'main switch' u li x-xoghol ma kienx possibli li jit-lesta fil-hin li kellu l-appellant qabel ma jispicca mid-'duty' tieghu.

Rigward il-kritika fuq il-metodu ta' kif se jsir ix-xoghol, gie ppruvat li Jack Mifsud, Electrical Supervisor ikkwalifikat, kien ta l-ordni l-appellant xi jrid jaghmel u l-metodu li ghandu juza.

Gie stabbilit li meta l-'cable trunking' ikun tal-metal u 'earthed', kull ma jista jigri jekk ikun hemm xi 'wire' mikxuf u jmiss mat-'trunking', itir il-fuse u mhux ikun hemm sensiela ta' 'sparks' kif ipprovat taghti x'tifhem il-kumpanija. Barra minn dan, ghalkemm Lawrence Grech qal li l-'live wire' kien bit-tarf tieghu mqaxxar, l-appellant iddikjara kategorikament li t-truf tal-wires kienu maqtugha b'cutter jew plier. Manwel Dimech fix-xhieda tieghu fuq l-istess suggett daqqa beda jghid li kien hemm zewg 'wires' imqaxxrin u daqqa beda jghid li hu ma jifhimx. Ghalhekk, wiehed ma jistghax joqghod fuq dak li qal Lawrence Grech. L-appellant ikkonferma wkoll li ghawweg it-tarf tal-"wire" u baram il-"wires" b'tali mod li qatt ma seta jmiss it-tarf tal-"wires" mat-trunking.

Kien hemm konflitt fix-xhieda tal-kumpanija dwar is-"switches" Maurice Spiteri qal li hu mar jixghel is-'switches' qabel ma nxteghel il-'main switch' u Lawrence Grech qal li l-appellant qala switches u l-pajpijiet li ma kienx hemm ghalfejn jinqalghu.

Dwar l-allegazjoni tal-kumpanija li seta kien hemm spluzzjoni minn spark ta' l-eletriku fit-'trunking', l-appellant issottometta

li bil-foga li jkun hemm, ma jidhirx li dan seta jigri specjalment meta wiehed jinnota li gieli kien hemm xi tipjip fil-fabbrika minn certi nies u ma jidherx li kien hemm dan il-periklu. Issemma li kien hemm okkazzjoni li kien hemm spluzzjoni waqt li kien qieghed isir welding jew qtugh ta' metal b'nar qawwi. Kif gie ppruvat dan gara ghax il-pjanca waqghet bi kwantita ta' trab tal-cornflour fuq gmamar tan-nar.

Is-Sur F Coleiro ghall-appellant finalment issottometta li minn dawn l-argumenti u ragunijiet, kif ukoll mix-xhieda li nstemghet jidher kemm l-appellant, Henry Buttigieg, gie mkecci ngustament u ghalhekk bir-rispett jissottometti wkoll li t-Tribunal ghandu jiddeciedi favur it-talba tal-Union li l-appellant ghandu jitqies li baqa fl-impieg minghajr telf ta' paga u hlas iehor li l-kumpanija kienet obligata li thallas lil-appellant kieku ma giex mkecci.

Gie ikkalkolat mil-Union li l-hlas nett li ghandu jiehu l-appellant huwa ta' elf, disa mija u hamsa u sittin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (LM1,965,28,0) wara li tnaqqas id-dhul tal-appellant minn xoghol temporanju ta' tliet gimghat u l-beneficcji li l-appellant irceva mis-Sigurta Nazzjonali.

(2) Is-Sur Alfred Mallia Milanes ghal-kumpanija Foster Clark Products Limited, issottometta li fit-12 ta' Awissu, 1981, il-kumpanija mpjegat lil Henry Buttigieg bhala electrician bil-kwalifiki rikjesti, jigifieri licenzi 'A' u 'B' tal-Gvern ta' Malta.

Fis-6 t'Awissu, 1982, Henry Buttigieg kien qieghed jaghmel xoghol li kien jikkonsisti f'komunikazzjoni ta' "starters" u "isolators" ghal numru ta' "extractors" f'wahda mill-fabbriki tal-kumpanija, u li dan ix-xoghol imbeda filghodu u fis-saghtejn ta' wara nofs in-nhar, Henry Buttigieg telaq ix-xoghol u mar lejn id-dar.

Fl-istess gurnata fil-ghaxija, meta s-Supervisor Maurice Spiteri mar biex jixghel id-dawl tal-fabbrika, sab li ma kienx hemm dawl imkien. Wara li fittex lic-Chief Engineer u ma sabux, huwa mar ghal Manwel Dimech, haddiem tal-Workshop, u dan irnexxielu jsib il-'main switch' tad-dawl u meta nduna li kien mitfi xeghlu u b'hekk

.../9

xeghel id-dawl kollu tal-fabbrika barra linja wahda. Hawnhekk wiehed ma jridx jinsa li sakemm is-Supervisor gieb lil Manwel Dimech fil-fabbrika, kien hemm dlam cappa u l-haddiema kienu fil-bieb bil-konsegwenza li l-produzzjoni kollha kienet waqfet.

Dan ifisser li Henry Buttigieg kien beda xoghol li ma kompliehx u biex ghamel dan, tefa l-'main switch' tad-dawl u b'hekk halla l-fabbrika kollha minghajr dawl bla mank indenja ruhu javza lil xi hadd. Il-fatt li Henry Buttigieg halla l-'main switch' mitfi juri li hu kien jaf li warajh halla xoghol li kien fih xi periklu. Hija haga elementari imma ta' mportanza kbira li meta bniedem ihalli warajh xoghol ta' dawl li mhux lest u li jista jkun perikoluz, ghandu jkun konvint li hadd warajh ma jista jmissu jew b'xi mod ikollu access ghalih. Il-kumpanija ssaqsi jekk electrician kwalifikat go fabbrika b'hafna nies li lanqas ha passi elementari ghas-sigurezza, juriex nuqqas ta' sens ta' responsabilta li fuqu hija msawra l-kariga ta' electrician? Huwa ma kellux jiehu passi certi biex il-'main switch' ma jinxteghelx? Henry Buttigieg la ghamel dan u lanqas nehha l-'fuses' mil-post fejn kien qieghed isir ix-xoghol.

Henry Buttigieg xehed li kull ma ghamel kien ghamlu fuq struzzjonijiet ta' Jack Mifsud u dawn it-tnejn qalu li kieku kellhom ikunu huma, ma kienux jaqbdu u jixeghlu l-'main switch' u bniedem kwalifikat ma kienx jaghmel dan. Din hija prova cara tal-periklu li kien hemm. Kieku Henry Buttigieg ma kienx irris-ponsabli, kieku kien jiehu hsieb li jaghmel 'warning notice' jew xi haga ohra halli skond kliemu stess minn mhux ikkwalifikat, ma jbabasx.

Henry Buttigieg wera nuqqas ta' sens ta' responsabilta meta ma qal xejn lil hadd qabel telaq id-dar il-Gimgha, 6 t'Awissu, 1982 u meta ma sabx mezz biex javza lil xi hadd b'dak li kien halla meta ma dahalx ghax-xoghol it-Tnejn, 9 t'Awissu, 1982. Is-Sezzjoni 16 (B) tal-Ftehim Kollettiv tghid li l-impjegati li jkunu assenti minn fuq ix-xoghol ghal xi raguni ghandhom javzaw lis-Supervisor taghhom bir-raguni permess ta' ittra, telefon, jew b'mezz iehor kemm jista jkun possibli qabel id-disa ta' filghodu ta' l-istess jum.

.../10

Waqt li Henry Buttigieg sostna li kull ma ghamel ghamlu fuq struzzjonijiet ta' Jack Mifsud, dan ta' l-ahhar xehed illi hu ma qallux kif isir ix-xoghol, imma liema xoghol kellu jaghmel tant li bniedem jahdem mod u iehor jahdem mod iehor. Barra minn-hekk, ir-rapprezentant ta' l-appellant fahhar hafna l-kwalifiki ta' Henry Buttigieg tant li qal li huma izjed minn ta' Jack Mifsud u ghalhekk ix-xhieda ta' Henry Buttigieg li huwa ghamel ix-xoghol fuq struzzjonijiet ta' Jack Mifsud ma tikkonvinci lil hadd.

Is-Sur Alfred Mallia Milanes qal li fil-fehma tal-kumpanija, Lawrence Grech kien il-bniedem li seta jghid x'halla warajh Henry Buttigieg. Meta gie mistoqsi x'sab, Lawrence Grech wiegeb li kien hemm zewg affarijiet, wiehed 'shock' fatali li seta jiehdu bniedem u iehor periklu ta' hruq ghax il-"wire' haj kien mikxuf. Dan rah Manwel Dimech ukoll avolja dan mhux electrician. Dan il-fatt gieghel lic-Chief Engineer jiehu passi mmedjati kontra Henry Buttigieg, ghaliex is-sitwazzjoni kif rawa Lawrence Grech u Manwel Dimech kienet allarmanti u kellhom bil-fors jinfurmaw lil xi hadd.

Il-kumpanija thoss, aktar u aktar wara li diga ghaddiet minn esperjenza, li l-periklu ta' hruq u spluzzjoni kienu possibli hafna u jekk hemm xi dubbju fuq dan, jista jitnehha malajr meta wiehed jaqra d-dokumenti li pprezentat il-kumpanija.

Rigward il-'warnings', huwa veru li t-Tribunal f'hafna okkazzjonijiet qal illi mpjegat ghandu jinghata 'warnings' pre-feribbilment bil-miktub, izda l-istess Tribunal ghamilha cara li mhux necessarjament li l-'employer' jintrabat ma tlett 'warnings' ghaliex kull kaz irid jittiehed fuq il-meritu tieghu. Jista jkun hemm kaz ta' nuqqas serju li l-'employer' ma jkunx jista jirriskja li jistenna zewg okkazzjonijiet ohra biex jittermina l-impieg. Il-kumpanija jidrila li jekk qatt kien hemm xi kaz serju li jimmerita 'instant dismissal', certament li huwa l-kaz li ghandna bhalissa quddiem it-Tribunal.

Il-kumpanija tant tilfet il-fiducja f'Henry Buttigieg illi taht l-ebda cirkostanza ma tista tafdah aktar. Kieku t-tragedja saret kienet tkun il-kumpanija biss li jkollha sseffaq wiccha mal-konsegwenzi

enormi li setghu graw. Ma kienx ikun l-appellant u wisq anqas il-Union li tigi minn ta' quddiem biex taghmel tajjeb ghat-tracedji jew dizastri li setghu graw.

Is-Sur Alfred Mallia Milanes issottometta li l-istess kollegi ta' l-appellant, kemm dawk kwalifikati u kemm dawk li mhumiex, halfu quddiem Alla li ma jridux jahdmu aktar ma Henry Buttigieg.

L-appellant ammetta li l-kariga tieghu kienet ta' fiducja u ta' responsabbilita u la darba nkiser dan is-sigil tal-fiducja, tant vitali fl-impieg ta' electrician, inkisret ukoll il-fiducja li kellha fih il-kumpanija. L-impieg ta' Henry Buttigieg mal-kumpanija sar 'untenable'.

Is-Sur Alfred Mallia Milanes issottometta li jekk it-Tribunal Industrijali fl-Award Numru 1 ta' l-1977 sab li n'vista ta' l-Artiklu 33 ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, kien prekluz li jordna 're-instatement' ta' impjegat fil-grad ta' Wages Clerk ghax kienet kariga ta' fiducja; allura kemm aktar ghandu dan it-Tribunal jiddikjara li l-kariga ta' electrician hija wahda li tipprekludi l-istess Tribunal milli jordna re-instatement.

Is-Sur Alfred Mallia Milanes issottometta li fil-qosor l-ommissjonijiet ta' Henry Buttigieg kienu:

(a) 'Gross negligence';
(b) Xoghol hazin intrinsikament;
(c) Periklu ghall-hajja;
(d) Periklu ta' hruq u spluzzjoni;
(e) Fabbrika bla dawl - produzzjoni wieqfa;
(f) Xoghol mibdi b'wires mikxufin;
(g) Main mitfi minghajr avviz;
(h) Ma avza lill-hadd;
(i) Kiser l-obbligu li kellu javza lil-kumpanija bl-assenza tieghu skond il-ftehim kollettiv;
(j) L-obbligu li jinforma lil-kumpanija bl-assenza tieghu kien akbar in-vista tal-periklu espost li halla.

.../12

Ghaldaqstant, il-kumpanija titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jirriffjuta t-talbiet kollha ta' l-appellant u jiddikjara li t-tkeccija ta' Henry Buttigieg minn ma Foster Clark Products Limited kienet ghal raguni gusta skond il-ligi.

7. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI

(1) L-appellant Henry Buttigieg ma ffirmax 'Contract of Service' u ghalhekk il-kategorija tieghu tista tigi definita biss mil-paga li kien jircievi.

Skond il-Ftehim Kollettiv kif gie rivedut fis-26 ta' Novembru, 1980, Appendix 'A', il-paga ta' LM41.50,0 fil-gimgha hija ghall-kategorija ta' Skilled Tradesman. Tant hu hekk, li electrician huwa mmizzel bil-paga ta' LM42.50,0 fil-gimgha.

Barra minnhekk, l-applikazzjoni li jidher servit ta' kuntratt ukoll u li fiha il-firma ta' l-appellant u tal-Personnel Manager ta' dak iz-zmien, turi l-kategorija tal-appellant bhala Electrical/Mechnical Maintenance Helper.

Henry Buttigieg ghandu l-licenza 'A' ta' l-Enemalta Corporation biss u certifikati tas-City & Guilds 'A' u 'B' tal-'Electrical Installation Course.' Il-licenzja 'A' moghtija mil-Enemalta Corporation hija kwalifika ghal-xoghol tal-eletriku domestiku filwaqt li ghal xoghol industrijali, bhal ma hu xoghol ta' stallazzjoni tal-eletriku gewwa fabbrika, l-electrician ghandu jkollu il-licenzja 'B' ukoll. Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-appellant ghandu responsabilta inqas milli l-kumpanija allegat.

(2) It-Tribunal innota li l-Management tal-kumpanija kkonferma dak li qal Henry Buttigieg - jigifieri li fis-6 t'Awissu, 1982 kienet l-ewwel darba li hu mar jaghmel xoghol f'dik il-fabbrika tal-kumpanija u ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li, indipendentament mil-kwalifiki u l-kapacita tal-appellant, is-sistema tal-eletriku fil-fabbrika fejn sar ix-xoghol kienet gdida ghall-appellant.

Ghalhekk, minn dan il-fatt u kif ukoll mix-xhieda ta' l-appellant stess u ta' ohrajn konnessa ma struzzjonijiet meta l-appellant tefa l-'main switch' tad-dawl (lighting) li qieghed fil-fabbrika fil-gholi fejn il-cable trunking, l-appellant kien qieghed jifhem li huwa tefa s-'switch' li kellu x'jaqsam mal-wires li kien se jaqla biex wara jerga jaddiehom ma wires ohrajn tal-'isolators' u 'starters' gewwa 'conduit pipe' aktar ohxon skond l-istruzzjonijiet li tah Jack Mifsud kif jidher car mix-xhieda ta' Jack Mifsud stess u ta' l-appellant kemm fil-Qorti u kif ukoll waqt l-access fil-fabbrika.

L-ebda xhieda ma tat l-inqas indikazzjoni li xi hadd li jaf is-sistema ta' l-eletriku fil-fabbrika fejn sar ix-xoghol fisser din is-sistema lill-appellant. Ghalhekk jidher li l-appellant, minkejja l-kwalifiki u l-esperjenza tieghu, ma kienx jaf li l-'main switch' li huwa tefa biex jahdem fuq dak is-'circuit' tad-dawl partikolari kien jitfi 'circuits' ohrajn ukoll. Dan ifisser ukoll li meta l-appellant halla dan il-'main switch' mitfi u telaq id-dar, kien ghamel id-dover tieghu billi ma halliex kurrent eletriku fis-'circuit' li kien maqlugh minn postu minghajr ma dahallu l-ebda hsieb li l-istess 'main switch' kien jitfi wkoll is-seba linji tad-dawl (lighting) l-ohrajn. Jigifieri, l-appellant ma kienx qieghed jikkommetti att ta' nuqqas ta' responsabilta, jew xi negligenza, jew xi nuqqas tad-dover kif titlob is-sengha tieghu, izda ma kellux hjiel bizzejjed tas-sistema, mhux tax-xoghol li qabduh jaghmel, go fabbrika li mar fiha l-ewwel darba fis-6 ta' Awissu, 1982.

(3) It-Tribunal stabbilixxa li l-qlugh tas-"switch" tad-dawl (lighting) u l-conduit li kien hemm minnhu ghal mal-'cable trunking' li qieghed fil-gholi sar mill-appellant fuq l-istruzzjoni ta' Jack Mifsud, electrician bil-licenzji 'A' u 'B' li kien inkarigat biex isir dan ix-xoghol nhar il-Gimgha, 6 t'Awissu, 1982. Jack Mifsud kellu f'rasu li jwahhal zewg 'isolators' u zewg 'starters' ghal zewg 'extract fans' fi tliet postijiet matul il-hajt tal-fabbrika.

It-Tnejn, 9 t'Awissu, 1982 meta l-appellant ma dahalx ghax-xoghol ghax kif gie stabbilit kien marid, ic-Chief Engineer minn-flok li saqsa lil Jack Mifsud rigward ix-xoghol mibdi taht l-istruzzjoni ta' Jack Mifsud stess, qabbad lil Lawrence Grech, electrician iehor bil-licenzji 'A' u 'B' ukoll, biex ikompli ix-xoghol. Lawrence Grech ipprefera li jwahhal is-sitt 'isolators' u s-sitt 'starters' ghas-sitt 'extract fans' kollha f'post wiehed ma l-istess hajt tal-fabbrika fejn hemm xi distribution boards ohra.

It-Tribunal jiddikjara li z-zewg metodi ta' stallazzjoni huma skond is-sengha. Ghalhekk, mhux korret li wiehed jghid li l-appellant qala 'switches' u partijiet ohra tad-dawl (lighting) bla bzonn ghax dawn ma kellomx x'jaqsmu xejn max-xoghol li kien qieghed jaghmel l-appellant u ghaliex dan ix-xoghol kien fuq il-"power circuit".

(4) Ix-xhieda ta' Lawrence Grech u Manwel Dimech fil-konfront taghha max-xhieda tal-appellant halliet dubji serji kemm seta kien veru li l-appellant halla l-wires mqaxxra bir-ram jidher il-barra mil-'insulation'. L-appellant qal kategorikament li huwa qata t-truf bi plier. Waqt li Lawrence Grech ma laqlaqx biex jghid li l-wire, u mhux wires, kien mikxuf, Manwel Dimech, li kien mieghu, waqt l-access hawwad hafna fuq din il-materja u wera li ma kienx jaf x'inhu jghid. Ghalhekk, it-Tribunal iddecida li f'nuqqas ta' xhieda decissiva, u ghaliex l-appellant aktar kien konvincenti bil-mod kif xehed, ghandu jaghti il-beneficcju tad-dubbju lil-appellant fuq dan il-punt.

(5) Il-'cable trunking' huwa tal-metal u 'earthed' skond is-sengha. Kieku l-wire kien mikxuf u miss mal-'cable trunking', kull ma kien jigri kien itir il-fuse ta' dak is-'circuit' mil-'4-way distribution board' li giet murija lit-Tribunal waqt l-access.

Il-wire li l-appellant qala mis-switch tad-dawl nhar il-Gimgha, 6 t'Awissu, 1982 kien qieghed fil-'cable trunking' li huwa mwahhal fil-gholi. Hadd hlief electrician ma kien se jitla jsib

dan il-wire biex ipoggieh lura f'postu jew biex ikompli x-xoghol. F'dan il-kaz, electrician kien jitfi l-'main switch' kif ghamel l-appellant jew jaqla l-fuse tas-'circuit' partikolari jekk ikun jaf is-sistema hafna ahjar milli seta jkun jafa l-appellant.

Ghalhekk, mill-att tekniku, it-Tribunal ma jistghax isib favur li kien hemm il-periklu li gie allegat.

(6) Fid-dokumenti li gie pprezentat mil-kumpanija li jismu 'Health and Safety at Work' u li jittratta fiq is-sugget ta' spluzzjonijiet mit-trab jew ghabra, taht il-paragrafu 'Conditions for Explosion' fil-faccata numru hamsa, jghid:

> 'A dust cloud of any flammable material will explode where:
>
> 1. the concentration of dust in air falls within the explosive limits, and
> 2. a source of ignition of the required energy for that dust cloud is present.'

Fil-faccata numru sitta ta' l-istess dokument hemm lista tal-karateristici esplussivi ta' trab ta' materjali differenti. Il-'cornflour' mhux imnizzel f'din il-lista kif mhux imnizzel fil-listi li jidhru fil-faccati numru 12, 13 u 14 li jghatu l-ismijiet ta' materjali li kienu fil-prattika assocjati ma spluzzjonijiet u hruq ta' gradi differenti gewwa fabbriki.

It-Tribunal huwa tal-fehma li kieku 'spark' ta' l-eletriku tan-natura li ghandu quddiemu t-Tribunal f'dan il-kaz jista jikkaguna spluzzjoni jew hrug minnhabba it-tip ta' prodott li jinhadem fil-fabbrika tal-kumpanija, l-istallazzjoni tal-eletriku kienet tkun maghmula minn materjali u apparati tal-eletriku li huma 'explosion-proof'.

(7) It-Tribunal stabbilixxa li l-Management tal-kumpanija ma kienx jittermina l-impieg tal-appellant fuq l-assenza tieghu ta' tliet ijiem, jigifieri mid-9 sal-11 t'Awissu, 1982. Ghal daqstant,

it-Tribunal ma kellux ghalfejn jidhol fil-meritu ta' din il-materja u l-procedura ta' certifikati medici u avvisi fil-hin. Izda, it-Tribunal innota li l-appellant kien gab mieghu certifikat tat-tabib tieghu.

(8) It-Tribunal ha nota tax-xhieda ta' l-appellant, li ma gietx ikkonfrontata minn hadd, li l-Gimgha, 6 t'Awissu, 1982, fis-2.00 p.m., ic-Chief Engineer, is-Sur John Axiaq, qal lill-appellant: "Mur ghaliex sarlek il-hin." Ghalhekk, il-parti tat-tieni paragrafu tal-memorandum tat-temm tal-impieg li ggib id-data tal-11 t'Awissu, 1982 li tghid: "At 2.00 p.m. you left your place of work and without bothering to inform anyone, ..." mhiex vera. L-appellant xehed li hadd ma avzah li kien hemm 'shift' iehor wara s-2.00 p.m. u ghalhekk it-tieni parti tal-istess paragrafu fl-istess memorandum mhiex korretta.

It-Tribunal ittratta fuq il-kontenut tat-tielet, ir-raba u l-hames paragrafu fl-istess memorandum tal-11 t'Awissu, 1982 fil-punti (1) sa (7) hawn fuq u, wara li semgha x-xhieda, ghamel access, u studja l-aspetti teknici, it-Tribunal huwa tal-fehma li fis-sustanza il-kontenut taghhom mhux korret.

(9) It-Tribunal ikkonsidra wkoll li kif deher mil-kaz, l-appellant kellu relazzjonijiet normali mal-Management tal-kumpanija, tant li gie stabbiliet li l-appellant qatt ma rceva l-ebda 'warning' fuq xi nuqqas.

(10) Fl-ahharnett, it-Tribunal huwa tal-fehma illi peress il-kaz kien mibni madwar aspetti teknici, nhar it-Tnejn, 9 t'Awissu, 1982, il-Management imissu sejjah espert li mhux impjegat tal-kumpanija biex jinvestiga c-cirkostanzi kollha tal-kaz minghajr il-possibilita ta' mottivi ohra hlief li jghati parir siewi lil-Management biex ikun jista jilhaq decizzjoni bazata fuq aspetti teknici korretti u ragunijiet logici dwar nuqqas fil-linja ta' responsabilita mil-middle management l-isfel.

.../17

Huwa fatt li tradesman bhal ma huwa electrician ghandu jkun kapaci jahdem ghal rasu minghajr supervizzjoni kontinwa u jkun jaf ihares lilu nnifsu u l-haddiehor minn perikli li ghandhom x'jaqsmu mas-sengha tieghu, izda huwa veru wkoll li l-ebda foreman, supervisor jew kap ta' dipartiment ma ghandu jitfa tradesman, bravu kemm hu bravu, fuq xoghol go post gdid minghajr ma jfehemu s-sistema li fuqha jkun se jsir ix-xoghol u x'joperaw apparati differenti li jiffurmaw parti mis-sistema kkoncernata.

It-Tribunal jixtieq jghid pubblikament li decizzjoni ta' waqfien minn impieg hija haga serja u ta' risponsabilita kbira u ghalhekk qatt ma ghandha tigi attwata hesrem u qabel ma jkunu gew mistharga sewwa u bir-reqqa l-fatturi kollha li wasslu ghal-kaz.

It-Tribunal jaqbel li hemm kazi li fihom il-Management ikollu jiddeciedi li jittermina mpieg f'daqqa anki jekk il-persuna qatt ma tkun irceviet 'warnings', izda dan il-kaz zgur ma jaqax taht din il-kategorija ta' kazi.

Huwa fattur importanti hafna ghal relazzjonijiet industrijali tajba bejn il-haddiem u min ihaddem li ssir valutazzjoni tajba tas-sostanza ta' kaz u tal-mottiv li ghalih il-kaz gie mwettaq. Li haga ma tghaddiex minn mohh ta' bniedem hija zball uman u mhux nuqqas li sar bi traskuragni ghax il-bniedem ma ghandux interess fix-xoghol tieghu jew ghax ried jikkommetti nuqqas lejn min ihaddem. Barra minnhekk, wiehed irid joqghod attent li zball ma jigiex mkabbar fil-gravita tieghu bla bzonn u ghal xi mottiv ulterjuri.

Dwar il-linja ta' responsabbilta imsemmija hawn fuq u r-relazzjonijiet bejn il-haddiem u min ihaddmu, it-Tribunal jixtieq jikkwota mill-ktieb iz-zghir ta' Miyamoto Musashi, gwerrier Simurai tas-seklu sbatax li kiteb:-

> 'Il-Foreman ghandu jikkonsidra l-abbiltajiet u l-limitazzjonijiet tan-nies tieghu, jithallat maghhom u ma jitlob xejn minnhom li mhux ragonevoli. Hu ghandu jkun jaf

u jizen il-morali u l-ispirtu taghhom u skond in-necessita, jinkuraggihom' (Pg. 42).

Ta' min isemmi li dan il-ktieb zghir ta' Miyamoto Musashi llum huwa studjat minn Managers moderni ta' kumpaniji kbar fil-Japan b'success kbir f'xogholhom.

8. DECIZZJONI U AWARD

(1) It-Tribunal isib favur l-appellant u jiddikjara t-tkeccija bhala ngusta skond il-ligi.

(2) It-Tribunal, wara li ha konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha f'dan il-kaz u l-attaggament globali fil-fond tar-relazzjonijiet, kif ukoll il-fatt li l-appellant bhal-issa jinsab impjegat ma ditta ohra b'kuntratt ghal zmien defenit li jista jiggedded jew le wara Gunju ta' din is-sena, it-Tribunal iddecieda li l-Award ghandu jkun kumpens u mhux 're instatement'. Ghaldaqstant, it-Tribunal jordna li l-kumpanija Foster Clark Products Limited thallas lil-appellant, Henry Buttigieg, is-somma ta' tliet elef lira Maltin (LM3,000) fi zmien sitt xhur mid-data tal-lum, jew f'daqqa jew f'sitt pagamenti ta' hames mitt lira Maltin (LM500) il-wiehed fix-xaghar.

(3) It-Tribunal jordna wkoll li l-kumpanija tirtira l-memorandum tal-11 t'Awissu, 1982 u taghti lil Henry Buttigieg certifikat nadif li juri l-perijodu tal-impieg u x-xoghol li hadem fuqu maghtul l-impieg tieghu mal-kumpanija biex iservih ta' referenza tajba.

ANTHONY J BARTOLO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 6 t'April, 1984

ja